IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 47 (Laqgha b`urgenza)

24 ta` Jannar 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 47.1 Qari tal-ittri ta` Apologija

Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

### 47.2 Diskussjoni dwar il-mafkar ta` Dun Guzepp

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li din il-laqgha b`urgenza qed issir wara ahbar li huwa rcieva minghand l-Arcipriet dwar ittra li ntbaghtet lill-Arcipriet dwar l-approvazzjoni li l-mafkar ta` Dun Guzepp jista` jsir fuq iz-zuntier ta` magenb il-Knisja ta` San Lawrenz. Is-Sindku staqsa x`wassal biex inghatat din l-approvazzjoni wara sena mill-ogezzjoni. Is-Sur Boxall zied jghid li dan il-bust ma ngabarx minn maggoronza tan-nies u mill-ghaqdiet tal-Birgu. Is-Sur Boxall zied jghid li huwa jaqbel li jsir fuq iz-zuntier tal-Knisja ghax hemm huwa postu u hemm kien propju il-post li huwa stess kien propona li jsir. Is-Sindku talab sabiex kull min kien prezenti jaghti l-kummenti tieghu.

Is-Sur Trevor Mizzi qal li l-Kunsill dejjem kien favur li jsir fejn iz-zuntier. Is-Sur Mizzi qal li ghandha tigi ppubblikata l-ittra ta` ogezzjoni li l-Kunsill kien ircieva halli nies ikunu jafu b`dak li gara.

Is-Sur Anton Gellel qal li wahda mir-ragunijiet li kienet saret l-ogezzjoni hija li kien hemm ogezzjonijiet minn naha ta` sacerdoti ohra peress li kulhadd ikun irid li jsir mafkar ghalih. Is-Sur Gellel qal li m`hemmx bzonn permessi tal-PA sabiex isir fuq iz-zuntier. Is-Sindku qal li jridu jingiebu l-permessi kollha mehtiega qabel ma jitwahhal dan il-bust.

Is-Sur Lawrence Attard qabel li tigi ppublikata l-ittra ta` ogezzjoni u li jsir fuq iz-zuntier. Is-Sur Eman Zerafa qabel li l-bust issir fuq iz-zuntier

Is-Sur Boxall qal li hawn qbil biex dan il-bust qed jerga` jigi propost li l-bust ta` Dun Guzepp issir fuq iz-zuntier ta` fejn il-Knisja bhala ma kien propost l-ewwel darba u jingabu l-permessi mehtiega mill-Awtorita tal-Ippjanar. Is-Sur Trevor Mizzi ssekonda u kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgħa intemmet fis-sitta u nofs ta` filghaxija (6:30pm).

Konfermati llum it-Tnejn 5 ta` Frar 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |